- *nullita` tar-rikors ġuramentat*
- *nuqqas ta' tismija li jaf il-fatti personalment*
- *nuqqas ta' tismija tal-artiklu tal-liġi li fuqha tkun imsejssa t-talba*
- *prattika kundannabbli tal-foro*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Lulju, 2020.**

**Rikors Nru. 117/20GM**

**Mary Lourdes Bonello ID546373M**

**vs**

**Anthony Micallef ID48948M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu, abbażi tal-premessi:-

1. Illi fil-5 ta' Frar 2015 quddiem in-Nutar Robert Micallef, Anthony Micallef permezz tal-prokura datata 28 ta' Novembru 2012 quddiem in-Nutar Dr

Anthony Abela deher a nom ta' Anna Bonello ID Nru 685031M u permezz tal-prokura datata 27 ta' Lulju 2012 quddiem in-Nutar D Anthony Abela deher a nom ta' Mary Lourdes Bonello fuq kuntratt ta' akkwist tal-fond urban ossia dar (terran), bl-arja u s-sottoswol tiegħu, bin-numru uffiċjali 65 u 66 fi Triq San pawl tal-Pitkali, illi jinsab f'Ħad-Dingli.

2. Illi dan il-bejgħ sar bi-kunsiderazzjoni ossia prezz ta' €150,000.00. ili dan sar permezz ta' bank draft cheque number 00205 u 000167, liema cheques qatt ma ġew depositati fil-kontijiet bankarji ta' Anna Bonello u Mary Lourdes Bonello rispettivament.
3. Illi skont l-Ewwel Skeda tan-"*Notice of an Intervivos Transfer of Immovable Property to be given in terms of the Duty on Documents and Transfers Acts and the Income Tax Act"*, l-att ġie reġistrat a nom ta' Anna u Mary Lourdes Bonello fuq l-indirizz Il-Qronfla Farmhouse, WQied Ħażrun, limiti tar-Rabat, ir-residenza tal-konvenut, nonostante li Anna u Mary Lourdes Bonello kienu qed jirrisjedu f'Anne, Triq San Pawl tal-Pitkali, Ħad-Dingli.
4. Illi Anna Bonello mietet fit-28 ta' Frar 2015 u skond l-att testementarju magħmul minnha quddiem in-Nutar Dottor Naomi Mugliette, fit-30 ta' April 2012 ħalliet bħala eredi universali lil bintha Mary Lourdes Bonello, u lil Anthony Micallef jew f'każ li dan ma jkunx jista hu lil ibnu Joseph Micallef bħala eżekutur testementarju, liema rwol qatt ma ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja kif inhu mitlub f'artikolu 765 tal-Kodiċi Ċivili.
5. Illi fl-istess ġurnata ossia fit-28 ta' Frar 2015 permezz tal-prokura datata 28 ta' Novembru 2012 Anthony Micallef żbanka mil-kont Bank of Valletta numru 14601859073 l-ammont ta' €6980.36.
6. Illi mill-kont tal-bank Bank of Valletta numru 14601859060ġew żbankati l-ammont ta' €12.243,33 nhar il-5 t'Awissu 2015.

7. Illi llum il-fond urban ġie trasformat fi tlett sulari appartamenti u penthouse u garaxxijiet.
8. Illi meta Anthony Micallef ġie mitlub fl-ittri uffiċjali tal-24 ta' Jannar 2020 jagħti rendikont dettaljat tal-isbursamenti kif ukoll tas-somma ammontanti għall-€150,000 riżultat tal-bejgħ tal-fond urban, li qatt ma ġiet depożitata fil-kontijiet, sostunti minn dokumenti awtentikati, dan baqa' inadempjenti.
9. Illi kif se jirriżulta mis-smiegħ u trattazzjonijiet ta' din il-kawża l-konvenuta m'agixxiex fl-aħjar interess tal-esponenti u bħala *bonus pater famiglias* skont il-prokura mogħtija lilu;
10. Illi l-prokura a nom ta' Mary Lourdes Bonello ġiet revokata fil-31 ta' Mejju 2017.
11. Illi Anthony Micallef ingħata prokura oħra a nom ta' Mary Lourdes Bonello fis-9 ta' Frar 2017, liema prokura ġiet revokata fil-8 ta' Jannar 2020.

L-attriċi talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' €169,223,69 jew somma verjuri;
2. Tikkundanna lil-konvenut jirrifondi lura l-ammont ta' €169,223.69 jew somma verjuri.

Bl-ispejjeż, kollha inklużi tal-ittra uffiċjali 256/2020 u l-ittra uffiċjali 257/2020, l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi kontestwalment preżentat ma' dan ir-rikors ġuramentat u bl-imgħax legali mid-data tal-iżbank sal-ħlas effettiv.

Rat ir-Risposta Ġuramentata li permezz tagħha l-intimat eċċepixxa:-

1. Illi *in linea* preliminari l-esponenti qiegħed jeċepixxi n-nullita` tar-rikors promotur ta' l-atturi stante li tali rikors ma jindikax liema huwa dawk il-fatti li l-attriċi taf bihom personalment skond id-dettami tal-artiklu 156(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Illi mingħajr preġudizzju wkoll u *in linea* preliminari l-atturi naqsu milli jindikaw l-artikoli tal-liġi li fuqhom qegħdin issejsu t-talbiet tagħhom;

Kif ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat il-kontro-talba u l-eċċezzjonijiet għall-kontro-talba;

Rat li l-kawża ġiet iddifferita għallum għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eċċezzjoni hi dwar is-siwi tal-att tar-Rikors Ġuramentat u tirrigwarda fuq kollox il-forma tal-att innifsu. Jidher għalhekk li l-konvenut isejjes din l-eċċezzjoni fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kap 12;

Illi l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita` ta' atti ġudizzjarji jistgħu jingħataw huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassativi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita` ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda mill-imsemmija ċirkostanzi;

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju

minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi[1]. F'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12;

Illi l-ewwel eċċezzjoni trid titqies fid-dawl li mhux kull nuqqas iwassal għan-nullita` tal-att ġudizzjarju. Jekk minkejja li jkun hemm ksur tal-forma li trid il-liġi dan il-ksur ma jkunx ġab lill-parti mħarrka ħsara li ma tissewwiex jekk mhux bit-tħassir tal-att, allura l-eċċezzjoni tan-nullita` ma tintlaqax[2];

Illi dawn il-Qrati ilhom jisħqu li l-fissazzjoni fuq in-nullitajiet formali tappartjeni għall-infanzja tad-dritt;

Illi l-konvenut ma wera bl-ebda mod kif jew imqar jekk huwa ġarrabx xi preġudizzju bil-fatt li r-Rikors Ġuramentat ma jsemmix liema mill-fatti msemmija l-attriċi kienet tafhom personalment. Meta wieħed jaqra r-Risposta Maħlufa, jsib li l-konvenut ikkonferma uħud mill-fatti dikjarati mill-attriċi, irribatta oħrajn, u ma qabilx ma'oħrajn. Għall-Qorti, dan ifisser li l-konvenut ma ġarrab l-ebda ħsara jew preġudizzju biex jiddefendi l-każ tiegħu minħabba n-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-attriċi dwar liema kienu l-fatti li taf dwarhom personalment. Huwa ppreżenta wkoll kontro-talba;

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni, l-konvenut ma jeċċepix in-nullita`, imma jgħid li l-attriċi messha ċċitat l-artikli tal-liġi li qiegħdha ssejjes it-talbiet fuqhom. Din il-Qorti tinnota li:

(1) Il-liġi ma timponi l-ebda ħtieġa bħal din, u fejn il-liġi ma titkellimx, il-Qorti

[1] App. Ċiv. **28.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet *Busuttil et vs Baldacchino* (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**)

[2] P.A. GCD **18.4.1997** fil-kawża fl-ismijiet *Aqua Logic Ltd. vs Miriam Ellis* (Mhix pubblikata); u ara wkoll P.A. **21.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet *Vella vs Camilleri* (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.30**)

m'għandhiex timponi xi formaliżmu hi: *ubi lex voluit, dixit.*

(2) Fil-każ ta' talba għal ritrattazzjoni – proċedura speċjali u eċċezzjonali, ta' strettissima interpetazzjoni - ir-ritrattant hu obbligat jispeċifika taħt liema disposizzjoni tal-Artiklu 811 tal-Kap 12 ikun qiegħed iressaq it-talba tiegħu, u, meta r-raġuni hi l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata (Art. 816 Kap 12). Fil-każ tal-proċedura ordinarja tar-Rikors Ġuramentat, il-liġi ma tesiġi xejn minn dan imma titlob biss li jitfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża (Art. 156(1)(a) Kap 12). Iċ-ċirkostanza li t-tismija tal-Artiklu partikolari tal-liġi hija tassattiva fil-każ tar-ritrattazzjoni timplika li *a contrario sensu* mhix meħtieġa fi proċeduri ordinarji.

(3) Fir-rit proċedurali tagħna, jviġi l-prinċipju kardinali dispositiv li l-attur huwa obbligat iressaq l-oġġett u r-raġuni ġuridika tat-talba tiegħu, iżda mbagħad sta għall-Qorti biex tistabbilixxi n-norma applikabbli. Filwaqt li l-attur jista' jispeċifika n-norma li fuqha jkun qiegħed iserraħ it-talba tiegħu, mhux obbligat jagħmel dan għaliex il-liġi trid tevita l-formaliżmu proċedurali żejjed li kien hemm fi żminijiet anterjuri. Għalhekk l-aforiżma: ***da mihi factum, dabo tibi ius***;

Illi għalhekk iż-żewġ eċċezzjonijiet huma mingħajr l-ebda bażi. Barra minn hekk, it-tieni eċċezzjoni hija waħda frivola u superfluwa. Il-Qorti tinnota b'dispaċir li kienet u għadha prattika komuni tal-foro Malti li jitfajjru eċċezzjonijiet bħal dawn, li jservu biss biex itawwlu l-kawżi u jaħlu l-ħin prezzjuż tal-Qorti; ħin li jista' jintuża' biex jinqatgħu kawżi fil-mertu;

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut, u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

GRAZIO MERCIECA

IMHALLEF